

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-15 ta' Settembru 2010 fil-Każijiet magħquda R 1041/2009-4 u R 1053/2009-4, sa fejn tirrifjuta l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja 002 851 384 għal ċerti prodotti fil-klassijiet 5 u 29;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "MILRAM" għal prodotti fil-klassijiet 5, 29, 30, 32, 33 u 43.

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Lactimilk, SA.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: it-trade mark figurattiva nazzjonali, li tinkludi l-element verbali "RAM", għal prodotti fil-klassi 29, kif ukoll diversi trade marks verbali nazzjonali "RAM" għal prodotti fil-klassijiet 5, 29, 30 u 32.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni parzament miċħuda.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni miċħuda, sa fejn ġiet miċħuda l-oppożizzjoni fir-rigward ta' ċerti prodotti u reġistrazzjoni tal-prodotti inkwistjoni miċħuda.

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009⁽¹⁾, peress li ma hemmx probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti. Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Bord tal-Appell ma ħax inkunsiderazzjoni, fir-rigward ta' trade mark opposta, li l-protezzjoni tagħha kienet skadjet meta ngħatat id-deċiżjoni tal-15 ta' Settembru 2010.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1)

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2010 — Omya vs UASI — Alpha Calcit (CALCIMATT)

(Kawża T-547/10)

(2011/C 30/91)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Omya AG (Oftringen, l-Isvizzera) (rappreżentant: F. Kuschmirek, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Alpha Calcit Füllstoffgesellschaft mbH (Köln, il-Ġermanja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni mogħtija fis-16 ta' Settembru 2001 mill-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) fil-Każ R 1370/2009-1, u tordna lill-konvenut sabiex jirreġistra t-trade mark Nru 5 200 654 "CALCIMATT" għall-prodotti kollha mniżżla fl-applikazzjoni;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż;

— sussidjarjament, tissospendi l-proċedura sal-adozzjoni mill-UASI ta' deċiżjoni definittiva dwar it-tħassir tat-trade mark EU 003513488, "CALCILAN" invokata insostenn tal-oppożizzjoni.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Omya

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark verbali "CALCIMATT" għal prodotti fil-klassijiet 1 u 2.

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Alpha Calcit Füllstoffgesellschaft mbH (Köln, il-Ġermanja)

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: it-trade marks verbali li kienu s-suġġett ta' reġistrazzjoni internazzjonali "CALCIPLAST", "CALCILIT", u "CALCICELL" għal prodotti fil-klassijiet 1 u 19, it-trade marks verbali Komunitarji "Calcilit" u "CALCILAN" għal prodotti fil-klassijiet 1 u 19, kif ukoll it-trade marks verbali nazzjonali "CALCICELL" u "CALCIPLAST" għal prodotti fil-klassi 1.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata u l-applikazzjoni miċħuda.

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009⁽¹⁾, peress li t-trade marks inkwistjoni ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala li jixxiebhu tant li jistgħu jiġu konfużi fil-kuntest tal-prodotti imsemmija rispettivament.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).